# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (ĊARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 25 ta' Novembru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 83/2018 BS**

**The Performing Right Society Limited**

**-vs-**

**Malta Globe Music Ltd**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat ta' Stefan sive Steve Vassallo għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi The Performing Right Society Limited illi ppremetta:**

Illi s-soċjetà rikorrenti hija kostitwita u tiffunzjona internazzjonalment, inkluż f'Malta sa mill-1986, bħala '*Collecting Society*', fl-ambitu tal-amministrazzjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur ossia *copyright*, u hija debitament awtorizzata sabiex topera bħala tali f'Malta mill-Bord Dwar id-Drittijiet tal-Awtur, u dan skont Deċiżjoni tal-istess Bord tal-15 ta' Frar 2007, debitament ppublikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dokument A";

Illi fis-17 ta' Settembru 2016 is-soċjetà rikorrenti ħarġet liċenzja favur is-soċjetà konvenuta u dan sabiex din tal-aħħar tkun tista' ttella' kunċert *live* bl-isem ta' *'Eros Ramazzotti Perfetto Tour 2016'* nhar is-17 ta' Settembru 2016 ġewwa l-MFCC, Ta' Qali, kopja ta' liema liċenzja bin-numru 200078 qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dokument B";

Illi l-kunċert in kwistjoni ttella' fl-MFCC, ta' Qali, nhar is-17 ta' Settembru 2016, kif jirriżulta mid-"Dokumenti C u D" hawn annessi;

Illi in kunsiderazzjoni tal-ħruġ tal-fuq imsemmija liċenzja Dokument B, kellhom jitħallsu lis-soċjetà rikorrenti drittijiet ossia *'royalties'* fl-ammont ekwivalenti għal sitta fil-mija (6%) tad-dħul *("admission receipts")* mill-kunċert fuq riferit, oltre l-V.A.T. u dan skont it-Tariffa applikabbli tas-soċjetà rikorrenti, li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dokument E".

Illi sussegwentement, u ċjoè fis-6 ta' Frar 2017, is-soċjetà rikorrent ħarġet l-invoice relattiva bin-numru ta' referenza 17/14395 fl-ammont ta' €23,098.50, li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dokument F";

Illi din l-invoice 'Dokument F' baqgħet qatt ma tħallset mis-soċjetà konvenuta, u dan minkejja li din tal-aħħar ġiet ripetutament interpellata sabiex tagħmel dan, saħansitra anke b'ittra uffiċjali nru. 125/2017 li saret ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, datata 14 ta' Novembru 2017, u li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dokument G";

Illi dan l-ammont oltre l-imgħax legali mis-6 ta' Frar 2017 huwa dovut lis-soċjetà rikorrenti u stante li baqa' qatt ma tħallas kellha ssir din il-kawża.

**Talbet lil din l-Onorabbli Qorti:**

i. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà konvenuta hija debtriċi tas-socjetà rikorrenti fl-ammont ta' €23,098.50ċ jew somma oħra verjuri li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tillikwida rappreżentanti bilanċ dovut ai

termini tal-liċenzja bin-numru 200078, liema liċenzja nħarġet mis-soċjetà rikorrenti favur is-soċjetà konvenuta u dan sabiex din tal-aħħar tkun tista' ttella' kunċert live bl-isem ta' *'Eros Ramazzotti Perfetto Tour 2016'* nhar is-17 ta' Settembru 2016 ġewwa l-MFCC, Ta' Qali, u liema ammont huwa rifless wkoll fl-invoice tas-6 ta' Frar 2017 bin-numru 17/14395;

ii. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas lis-soċjetà rikorrenti l-ammont ta' €23,098.50ċ jew kwalunkwe somma oħra verjuri talvolta likwidata minn din l-Onorabbli Qorti oltre l-imgħax legali mis-6 ta' Frar 2017 sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali surreferita tal-14 ta' Novembru 2018, Nru. 125/2017, (Dokument G), u tas-sekwestru kawtelatorju li qed jiġi preżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors, u bl-inġunzjoni tas-socjetà intimata minn issa in subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata ta' Amabile Zammit għan-nom tas-soċjetà konvenuta Malta Globe Music Ltd illi wieġeb:**

1. Illi fl-ewwel lok jirriżulta li dina l-kawża hija waħda intempestiva u dana stante li anke a bażi tat-talbiet tar-rikorrenti stess jirriżulta li t-talbiet tagħhom kellhom jinħadmu a bażi ta' persentaġġi minn bejgħ, liema bejgħ qatt ma ġie kwantifikat mir-rikorrenti u għalhekk it-talbiet tagħha huma totalment mingħajr ebda bażi;

2. Illi fit-tieni lok, jirriżulta illi il-mod ta' kif qiegħda tinterpreta l-liġi l-istess rikorrenti huwa totalment żbaljat u li għalhekk l-ammont mitlub assolutament li ma jirriżultax;

3. Illi fit-tielet lok, jirriżulta wkoll li l-istess rikorrenti qiegħda taħdem b'mod totalment arbitrarju u li l-artisti li allegatament qiegħda tirrappreżenta l-istess rikorrenti ma humiex kuntenti bil-mod ta' kif qed iggestixxi l-attività tagħha r-rikorrenti stess;

4. Illi fir-raba' lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, joħrog fiċ-ċar illi l-istess talbiet huma totalment esaġerati, mingħajr ebda bażi la fil-

liġi u anqas fil-fatt u li ma jirriżultaw minn imkien u għalhekk l-ammont mitlub ma huwiex dovut;

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż.

**Il-Qorti**

Fliet l-atti kollha fl-intier tagħhom.

**Ikkunsidrat.**

**i) Preliminari**

Din hija kawża infetħet mis-soċjeta attriċi sabiex tiġbor minn għand is-soċjeta konvenuta is-somma ta' € 23,098.50 rappreżentanti "royalties" ekwivalenti għal 6% tad-dħul mill-kunċert li kien ittella l-MFCC fis-17 ta' Settembru, 2016 wara li kienet inħarġet liċenzja lis-soċjeta konvenuta sabiex dan il-kunċert iseħħ. Is-soċjeta attriċi tgħid li s-somma dovut lilha kellha tinkludi l-VAT skond it-tariffa applikabbli lis-soċjeta konvenuta. Tgħid ukoll li l-konvenut baqgħet inadempjenti minkejja interpellazzjoni anke permezz ta' ittra uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap 12 Liġijiet ta Malta.

Is-soċjeta konvenuta minn naħħa tagħha tilqa' għat-talbiet attriċi billi ssostni li l-ħlas dovut minnha kellu jinħadem bħala persentaġġ tal-bejgħ ta' biljetti għal kunċert liema kalkoli ma sarux mis-soċjeta attriċi. Tgħid li l-attriċi ma hix qed tinterpreta l-liġi kif imiss u fi kwalsiasi każ l-ammont mitlub huwa esaġerat.

**Ikkunsidrat.**

Il-Qorti tibda sabiex tinnota li fis-seduta ta' l-20 Mejju, 2022[1] l-abbli difensur tal-konvenut iddikjara li ma kienx hemm kontestazzjoni rigward l-ammont dovut fl-ammont ta' € 22,618.09. Dan ifisser li fil-prinċipju l-konvenuta ma hix tiċħad illi hija debitriċi tas-soċjeta attriċi. Li

[1] Verbal tas-seduta ta' 'l-20 ta Mejju, 2022.

hemm kontestat da parti tagħha huwa l-ammont pretiż. Fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni il-Qorti fliet l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuta u tqis li in vista tad-dikjarazzjoni msemmija, ma hemmx lok li tinoltra ruħha dwar l-istess eċċezzjonijiet.

Din il-Qorti rat ukoll il-kalkoli mibgħuta lill-konvenuta u li dawn kienu maħdumin mis-soċjeta attriċi a bażi ta' stima ta' biljetti mibjugħa. Irid jingħad illi ai termini tat-tariffa ġenerali ippublikata fil-gazzetta tal-Gvern klawsola 1.4, l-applikant għal liċenzja, fil-każ odjern is-soċjeta konvenuta kienet obbligata li tagħti l-informazzjoni kollha meħtieġa lis-soċjeta attriċi sabiex din imbagħad tiddetermina id-dritt dovut, jew skond it-tariffa jew mod ieħor skond il-każ. Billi jirriżulta mhux kontestat li l-konvenuta naqset li tgħaddi l-informazzjoni meħtieġa lill-attriċi, din ta' l-aħħar ħarġet kont a bażi ta' stima.

Tenut ferm dan kollu, jmiss għalhekk lil din il-Qorti sabiex tqis liema hu l-ammont dovut lis-soċjeta attriċi. Mill-atti jirriżulta li s-soċjeta attriċi taħdem l-ammont dovut lilha a bażi tan-numru ta' biljetti mibjugħin. Jirriżulta wkoll li l-ammont ta' biljetti mibjugħin kien jammonta għal 7017[2], bil-valur ta' €336,278.52. Dan għalhekk ifisser illi d-dritt dovut jammonta għal €19,215.92.[3]

Skond it-tariffa ġenerali ippubblikata fil-gazzetta tal-Gvern u li kopja tagħha tinsab in atti[4] mad-dritt dovut jrid jiżdied il-VAT ta 18% ammontanti għal €3,458.86[5], li magħduda mad-dritt dovut jġib is-somma dovuta mill-konvenuta għal €22,674.78.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta.

Rigward it-talba tas-soċjeta attriċi sabiex il-konvenuta tħallas l-ispejjeż legali kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-14 ta Novembru, 2018 u tas-sekwestru kawtelatorju, il-Qorti tirrileva li l-attriċi naqset milli tipprezenta kopja legali tas-sekwestru minnha msemmi għalkemm

[2] Dokument ipprezentat minn Joshua Ellul fis-seduta tas-27 ta Frar, 2019, a fol 38 tal-process
[3] €336,278.52 x5% = €16,013.26 ai termini tat-tariffa generali a fol 12 tal-process li jgib l-valur tal-bejgh ghal €320, 265.26 x 6% = €19,215.92
[4] A fol 12 tal-process
[5] 18% ta l-ammont dovut bhala dritt

ippreżentat kopja ta' l-ittra uffiċjali u għalhekk it-talba tagħha ser tintalqa limitatament għal ispejjeż ta' l-ittra uffiċjali.

**Deċide**

Għaldaqstant in vista tal-premess u għal motivi ġia espressi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi :

i) Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta attriċi u tiddikjara li s-soċjeta konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta attriċi fis-somma ta' tnejn u għoxrin elf, sitt mija erbgħa u sebgħin ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€22,674.78);

ii) Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lis-soċjeta konvenuta tħallas lis-soċjeta attriċi s-somma ta' tnejn u għoxrin elf, sitt mija erbgħa u sebgħin ewro u tmienja u sebgħin ċentezmu (€22,674.78), bl-imgħax legali mis-6 ta Frar, 2017 sad-data tal-ħlas effettiv;

Tordna li l-ispejjeż ta` dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali ta' l-14 ta' Novembru, 2018, jitħallsu mis-soċjeta konvenuta.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur